MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2023

Appell Inferjuri Numru 60/2022 LM

**Jamila Abdulkadir Mohammed**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-Aġenzija appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-Aġenzija intimata [hawnhekk 'l-Aġenzija appellanta'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'), tat-13 ta' Mejju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata tal-5 ta' Novembru, 2021 għandha tiġi revokata, u konsegwentement

laqa' l-appell tar-rikorrenti **Jamila Abdulkadir Mohammed** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'].

**<u>Fatti</u>**

2. Jirriżulta li r-rikorrenti kienet tgawdi minn *status* ta' *Temporary Humanitarian Protection New (THPN),* li kien *status* speċjali li beda jingħata wara l-2010 lil *failed asylum seekers.* L-Aġenzija intimata kienet ħarġet permess ta' residenza lir-rikorrenti abbażi ta' Protezzjoni Internazzjonali/Umanitarja fuq applikazzjoni intavolata mir-rikorrenti fit-8 ta' Frar, 2013. Dan il-permess ġie mġedded sena wara sena. Fis-sena 2018, l-*istatus* ta' THPN ġie sostitwit bil-*Policy Regarding Specific Residence Authorisation (SRA),* u bis-saħħa ta' din il-*Policy,* dawk kollha li kienu jgawdu minn *status* ta' THPN ingħataw *status* ta' SRA għal perijodu ta' sentejn, mingħajr il-ħtieġa li jsir eżami individwali ta' kull applikazzjoni, u dan sabiex jiġi evitat li persuna ssib ruħha mingħajr *status* minħabba tibdil fil-*policy.* Jirriżulta wkoll li r-rikorrenti għamlet użu minn din il-*policy,* u fl-20 ta' Mejju, 2019 ressqet applikazzjoni sabiex l-*istatus* tagħha ta' THPN jinbidel f'SRA, u din l-applikazzjoni ġiet milqugħha. F'Ottubru tal-2020, il-*Policy* dwar l-SRA ġiet aġġornata, b'dan illi ġie speċifikat li applikazzjonijiet eżistenti ser jibdew jiġu mġedda skont it-termini u l-kriterji tal-*Policy* kif aġġornata. Għaldaqstant, meta kienu ser jgħaddu s-sentejn ta' validità awtomatika tal-i*status* ta' SRA tar-rikorrenti, jiġifieri fil-11 t'Awwissu, 2021, hija intavolat applikazzjoni ta' tiġdid tal-SRA skont il-*Policy* li kienet daħlet fis-seħħ fl-2020. Jirriżulta wkoll li l-kriterji ta' skwalifika għall-kisba ta' *status* ta' SRA inbidlu bejn l-2018 u l-2020, b'tali mod li l-*Policy* tal-2020 saret aktar oneruża

fuq l-applikanti.[1] L-Aġenzija intimata, fl-ipproċessar tal-applikazzjoni tar-rikorrenti, kellha jedd tikseb il-Fedina Penali tar-rikorrenti mingħand il-Pulizija sabiex tivverifika jekk ir-rikorrenti kinitx tikkwalifika għal dan l-*istatus* skont il-*Policy* l-ġdida, minn fejn irriżulta li r-rikorrenti fil-fatt kienet instabet ħatja ta' offiża, u ġiet ikkundannata għal sena ħabs, sospiża għal sentejn.[2] Kien għalhekk li l-Aġenzija intimata rrifjutat li ġġedded l-SRA *status* tar-rikorrenti u tat-tifel tagħha, u bagħtet tinfurmaha b'dan fil-5 ta' Novembru, 2021.[3] Ir-rikorrenti appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord fit-12 ta' Novembru, 2021.

**<u>Mertu</u>**

3. Fir-rikors tal-appell tagħha quddiem il-Bord, ir-rikorrenti spjegat li hija ċittadina Etjopjana, li waslet f'Malta f'Ġunju tal-2005. L-applikazzjoni tagħha għall-ażil ġiet miċħuda fl-2006, u sussegwentement hija ngħatat *status* ta' protezzjoni temporanja, li ġie mġedded għal numru ta' snin, u li ġie kkonvertit fi *Specific Residence Authorisation (SRA)* meta din il-*Policy* ġiet introdotta fl-2018. Ir-rikorrenti qalet li fl-2012 hija kienet ingħatat sentenza sospiża wara li nstabet ħatja ta' reat minuri, u żiedet tgħid li hija qatt ma kellha l-intenzjoni li tikser ir-regoli tal-immigrazzjoni. Qalet ukoll li binha Ayman twieled fit-30 ta' Lulju, 2014,

---

[1] Hekk per eżempju, il-*Policy* tal-2018 kienet tispeċifika li: "*Persons who have been convicted of serious crimes, or are otherwise considered to be a threat to national security, public order and/or the public interest shall not be granted a Specific Residence Authorisation",* filwaqt li l-*Policy* tal-2020 tispeċifika li: "*Persons who have been found guilty of an offence and sentenced to imprisonnment for twelve (12) months in Malta or abroad shall not be granted a Specific Residence Authorisation. An applicant for the status who is found guilty and sentenced to one (1) year imprisonment, even if with a suspended sentence, shall be automatically disqualified from obtaining SRA status. The Police Authorities shall be consulted to advise on the Fedina Penali of each applicant before an SRA status is granted."*

[2] Mill-atti proċesswali jirriżulta li r-rikorrenti kienet ingħatat is-sentenza ta' sena priġunerija sospiża għal sentejn wara li din ammettiet li meta żbarkat f'Malta, naqset milli tagħti lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u informazzjoni oħra meħtieġa ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Din is-sentenza fil-konfront tar-rikorrenti ngħatat fis-26 ta' Novembru, 2012.

[3] L-ittra li ntbagħtet lir-rikorrenti tispeċifika li: "*After carefully considering your case on the basis of the documents submitted in line with the established SRA policy, your request has not been acceded in view of your past criminal conviction. Accordingly, that of your son is also being refused."*

u filwaqt li għall-bidu dan ingħata l-istess protezzjoni temporanja li kellha l-omm, sussegwentement dan ingħata l-SRA *status.* Ir-rikorrenti qalet li l-i*status* tagħhom baqa' jiġi mġedded sena wara sena, u fil-11 t'Awwissu, 2021 hija ssottomettiet applikazzjoni f'isimha u f'isem binha minuri sabiex iġġedded il-permessi ta' residenza tagħhom, u fil-5 ta' Novembru, 2021 hija ġiet mgħarrfa li din l-applikazzjoni kienet qiegħda tiġi rifjutata minħabba fis-sentenza sospiża li kienet ingħatat fil-passat.

4. Ir-rikorrenti spjegat li hija waslet Malta b'mod irregolari fl-2005, u hija kienet fiżikament preżenti f'Malta fl-aħħar ħames snin qabel applikat biex iġġedded l-SRA *status* tagħha. Qalet li tul is-snin hija għamlet diversi sforzi sabiex tintegra ruħha fis-soċjetà Maltija, permezz tal-impjieg tagħha u billi tgħallmet l-ilsien Malti u dak Ingliż. Qalet ukoll li hija bniet familja hawn Malta, u għalhekk ilha diversi snin tikkontribwixxi u tibni ħajjitha hawnhekk. Qalet li hija persuna ta' kondotta tajba, u kemm ilha tgħix f'pajjiżna hija qegħda taħdem sabiex tmantni lilha nnifisha u lil binha. Qalet ukoll li fil-każ tagħha għandha tapplika l-*Policy* tal-2018, li tgħid li huma biss persuni li nstabu ħatja li kkommettew reati serji, jew li huma meqjusa ta' theddida għas-sigurtà pubblika li għandhom jiġu miċħuda l-i*status* mitlub minnha. Ir-rikorrenti qalet li hija qatt ma nstabet ħatja ta' reat serju, u hija m'għandhiex tkun meqjusa li hija ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali, għall-ordni pubbliku, jew li t-tiġdid tal-applikazzjoni tagħha mhux fl-interess pubbliku, u fil-fatt l-i*status* tagħha taħt it-THPN iġġedded bosta drabi wara s-sentenza li ngħatat, u sussegwentement hija ngħatat ukoll l-i*status* ta' SRA mill-Aġenzija intimata. Qalet li l-fatt li hija ngħatat dan l-i*status* wara li ġie kkunsidrat li hija qatt ma nstabet ħatja ta' reat serju jew li hija ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali, ħoloq fiha l-aspettattiva leġittima

kemm fir-rigward tal-applikazzjoni tagħha, kif ukoll fil-konfront ta' binha minuri. Ir-rikorrenti qalet li qatt ma nbidel xejn fis-sitwazzjoni personali tagħhom wara li huma ġeddew l-i*status* tagħhom taħt it-THPN u taħt l-SRA. Qalet li ċ-ċirkostanzi personali tagħhom baqgħu li hija daħlet f'Malta illegalment, l-applikazzjoni tagħha għall-ażil ġiet rifjutata, u hija ma tistax tirritorna lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħha għal raġunijiet indipendenti mill-volontà tagħha. Qalet ukoll li hija tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-integrazzjoni kif titlob il-*Policy* applikabbli.

5. Ir-rikorrenti qalet li meta ġiet biex teżamina l-applikazzjoni tagħha, l-Aġenzija intimata naqset milli tieħu konsiderazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u għalhekk id-diskrezzjoni eżerċitata hija waħda li tagħti lok għal abbuż ta' poter. Ir-rikorrenti qalet li l-Aġenzija intimata kellha teżerċita l-bona fede, u kellha tieħu konsiderazzjoni tal-fatti rilevanti kollha tal-każ, partikolarment tal-fatt li kemm ir-rikorrenti kif ukoll binha huma parteċipanti attivi fis-soċjetà Maltija, għandhom familja hawnhekk, għamlu diversi sforzi sabiex jintegraw u huma qatt ma nstabu ħatja ta' reati serji jew li huma ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali jew għall-interess pubbliku. Ir-rikorrenti qalet ukoll li l-*Policy* tispeċifika li għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa tas-sitwazzjoni ta' persuni vulnerabbli, bħal ma huma ġenituri singoli. Qalet li fil-fatt hija ġenitur singolu u trid tmantni lil binha bl-aħjar mod li tista'. Qalet li fin-nuqqas ta' *status* ta' SRA, hija jkollha diversi diffikultajiet biex tmantni lil binha, kif ukoll problemi finanzjarji, u l-biżgħa li hija ma tiġix ittrattata b'kompassjoni u dinjità. Qalet ukoll li n-nuqqas ta' tiġdid tal-i*status* tagħha, jammonta għal vjolazzjoni tad-dritt tagħha għal ħajja familjari, u filwaqt li l-għan tal-*Policy* kien li titnaqqas l-esklużjoni soċjali fost komunitajiet ta' immigranti, il-fatt li l-

applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata, jfisser li hija ser tiġi marġinalizzata aktar, u l-aċċessibilità tagħha għad-drittijiet fil-kuntest Malti ser tisfa limitata aktar.

6. Ir-rikorrenti semmiet ukoll il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li għandha l-għan li tipproteġi lit-tfal u li tobbliga lill-istati jaġixxu fl-aħjar interess tat-tfal, u l-Artikolu 8 tagħha jobbliga lill-istati jirrispettaw id-drittijiet tat-tfal sabiex jippreservaw l-identità tagħhom, inkluż ir-relazzjonijiet familjari mingħajr interferenza. Qalet li meta l-applikazzjoni ta' binha ma ġietx aċċettata, binha minuri safa mingħajr *status* bi ksur tad-drittijiet tiegħu u b'riskju li dan jiġi mċaħħad mill-unità tal-familja tiegħu. Qalet li n-nuqqas ta' dokumentazzjoni fir-rigward ta' binha minuri ser iċaħħdu mid-dritt li jkollu aċċess għal faċilitajiet edukattivi u kura tas-saħħa, u ser ipoġġieħ f'riskju li jkun imċaħħad minn drittijiet oħra li ilu jgawdi għal bosta snin. Qalet ukoll li dawn iċ-ċirkostanzi ser ipoġġu lil binha minuri f'riskju li jiġi deportat lejn pajjiż li huwa qatt m'għex fih, u li fil-preżent huwa instabbli minħabba l-kunflitt ta' gwerra brutali. Ir-rikorrenti qalet li d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata ser iċċaħħad lilha u lil binha minuri mill-permess li jibqgħu jirrisjedu f'Malta minkejja li huma kienu meqjusa li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-*policy* tat-THPN u dik tal-SRA minn żewġ awtoritajiet pubbliċi indipendenti. Qalet li l-fatt li hija u binha ser jiġu mċaħħda mid-dokumentazzjoni mitluba abbażi ta' avveniment li seħħ għaxar snin ilu, huwa eżerċizzju arbitrarju tad-diskrezzjoni, u jmur kontra l-aspettattiva leġittima tal-applikanti.

7. L-Aġenzija intimata fir-risposta tagħha wieġbet li l-Bord m'għandux il-kompetenza *rationae materiae* jiddeċiedi dwar l-appell preżenti, li jikkonċerna d-deċiżjoni tal-Aġenzija li ma ġġeddidx il-permess ta' residenza tar-rikorrenti

skont il-*Policy regarding Specific Residence Authorisation,* li mhux permess ta' residenza maħruġ skont l-artikolu 25A (1)(ċ) u l-artikolu 25(5) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. L-Aġenzija intimata qalet li fir-rikors tal-appell tagħha, ir-rikorrenti qalet li kienet qiegħda tappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija skont l-artikolu 7(1) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, iżda li dan l-Att jirreferi għal deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali u mhux mill-Aġenzija intimata. Qalet li għalhekk il-Bord ma jistax jistrieħ fuq l-artikolu ċċitat mir-rikorrenti sabiex jiddetermina jekk għandux il-poter li jisma' u jiddeċiedi dan l-appell. L-Aġenzija intimata qalet ukoll li mid-dokumenti disponibbli għaliha, mhux ċar fuq liema bażi r-rikorrenti qegħda tappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija, u ladarba hija ma tafx x'inhuma l-aggravji tar-rikorrenti, hija ma tistax tirrispondi għalihom.

8. L-Aġenzija intimata żiedet tgħid li l-appell tar-rikorrenti ġie intavolat fit-12 ta' Novembru, 2021, u l-ittra ta' rifjut tal-Aġenzija ħarġet fil-5 ta' Novembru, 2021, b'dan illi r-rikorrenti kellha tliet ijiem ta' xogħol sabiex tressaq l-appell tagħha, u għalhekk il-Bord għandu jqis li l-appell intavolat mir-rikorrenti huwa *fuori termine.* L-Aġenzija intimata għalhekk talbet lill-Bord sabiex f'każ li dan jiddeċiedi li għandu l-kompetenza jiddeċiedi dan l-appell, jgħaddi biex jiddikjara li r-rikors tal-appell tar-rikorrenti huwa null u jirrifjuta li jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu. L-Aġenzija intimata qalet ukoll li r-rikorrenti kienet applikat għal Permess ta' Residenza mal-Aġenzija fit-8 ta' Frar, 2013, u dan il-permess ingħata abbażi tal-Protezzjoni Internazzjonali/Umanitarja li ngħatat lir-rikorrenti mill-Kummissarju tar-Refuġjati. Ir-rikorrenti baqgħet iġġedded il-permess ta' residenza tagħha kull sena, wara t-tiġdid tad-dokument li juri li hija għandha *Temporary Humanitarian Protection New (THPN).* L-Aġenzija intimata spjegat li

t-THPN kien *status* speċjali li beda jingħata wara l-2010 lil persuni li ma jingħatawx ażil, u li waslu Malta qabel l-2008. L-Aġenzija intimata qalet ukoll li fl-2018, il-Gvern ta' Malta nieda l-*Policy Regarding Specific Residence Authorisation (SRA)* li ssostitwiet it-THPN *Policy* tal-2010, u l-Aġenzija hija l-awtorità kompetenti biex tiġġestixxi l-*Policy* u tagħti permessi ta' residenza lil dawk il-persuni li huma eliġibbli għal dan l-i*status.* L-Aġenzija intimata qalet li l-*Policy* tal-SRA kienet ippubblikata f'Novembru 2018, fejn persuni li kellhom ċertifikat tat-THPN validu maħruġ mill-Kummissarju tar-Refuġjati, ingħataw SRA għall-ewwel darba għal perijodu ta' sentejn mingħajr il-ħtieġa ta' *assessment* individwali. Din il-*Policy* tkopri wkoll persuni li qegħdin ifittxu l-ażil u li m'għandhomx THPN *status*, sakemm dawn jilħqu r-rekwiżiti kollha. L-Aġenzija intimata qalet li r-rikorrenti ssottomettiet applikazzjoni fl-20 ta' Mejju, 2019 għal tiġdid awtomatiku minn THPN għal SRA, li nħareġ awtomatikament għal perijodu ta' sentejn. F'Ottubru tal-2020, il-Gvern ta' Malta ppubblika verżjoni aġġornata tal-*Policy (SRA)* li hija aċċessibbli fuq is-sit tal-Aġenzija Identity Malta, u din il-*Policy* tispeċifika li applikazzjonijiet eżistenti għandhom ikomplu jiġu mġedda skont din il-*Policy* l-ġdida, u għalhekk kull applikazzjoni li ġiet irċevuta mill-Aġenzija intimata wara li l-*Policy* ġiet aġġornata, kellha tiġi deċiża skont ir-rekwiżiti tal-*Policy* l-ġdida ppubblikata fl-2020. L-Aġenzija intimata qalet li filwaqt li skont il-*Policy* tal-2018, sabiex persuna ma tingħatax *SRA status* din kellha tkun instabet ħatja li wettqet reat serju, jew kellha titqies li hija ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali, l-ordni pubbliku u/jew l-interess pubbliku, il-*Policy* tal-2020 tistipula li sabiex persuna tkun eliġibbli biex ikollha l-*SRA status* imġedded, din ma tridx tkun instabet ħati tal-ebda reat u ma tridx tkun ingħatat sentenza ta' priġunerija għal aktar minn tnax-il xahar f'Malta jew barra minn

Malta. Qalet li għalhekk fid-determinazzjoni tal-applikazzjonijiet li kellha quddiemha, hija kellha tara jekk persuna kinitx instabet ħatja ta' xi reat għall-perijodu indikat fil-*Policy,* f'liema każ il-persuna tkun awtomatikament skwalifikata.

9. L-Aġenzija intimata speċifikat li fil-11 t'Awwissu, 2021 ir-rikorrenti ippreżentat applikazzjoni għal SRA *status* li kien ingħatalha awtomatikament fl-2019, sabiex dan il-permess jiġġedded għall-ewwel darba, u dan kellu jsir skont il-*Policy* tal-2020. L-Aġenzija intimata spjegat li r-rikorrenti ma ssottomettietx il-fedina penali tagħha direttament, u l-*Policy* tgħid li l-Aġenzija intimata għandha tikkonsulta mal-awtoritajiet tal-Pulizija sabiex tagħti pariri dwar l-i*status* tal-applikant qabel dan l-istatus jingħata. L-Aġenzija intimata qalet ukoll li r-rikorrenti kienet taf bis-sentenza li ngħatat fil-konfront tagħha, u għalhekk messha kienet taf li hija kienet ser tiġi skwalifikata milli tikseb dan l-i*status.*

## Id-Deċiżjoni Appellata

10. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Mejju, 2022, il-Bord iddeċieda li għandu jirrevoka d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata u jilqa' l-appell intavolat mir-rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***1. Preliminary***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision issued by Identity Malta Agency, the appellant was informed that her application for Specific Residence Authorisation (SRA) had been rejected "...* In view of your past criminal conviction ...";

*Saw the appeal registered on 12th November, 2021; and*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 23rd February, 2022.*

## 2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

### a. Competence of this Board

*In the first paragraph of its reply, the Agency argued that this Board lacks competence as the appealed decision is one taken by the Agency according to some policy and was not an appeal against a decision refusing a residence permit.*

*The Board disagrees with the Agency's position. The appellant applied for a status called "Specific* **Residence** *Authorisation" (emphasis added by the Board). This renders SRA status a form of residence permit under Article 7 of the Immigration Act. The Board considers it necessary to make this connection between the relative policy documents and the law as the 2018 policy and the 2020 policy, both attached to the Agency's reply, both fail to refer to any primary or subsidiary legislation which serves as the basis for the policy. However, a policy cannot stand in a vacuum. It must somehow be linked to legislation and must serve to flesh out and explain how the provisions of a certain piece of primary or subsidiary legislation are to be implemented. In this case, the Minister's vires to enact such a policy emanates from his powers under Article 7(1) of the Immigration Act ("...* the Minister may issue, subject to such conditions as he may deem proper to establish ..."). *Therefore, any decision taken by the Agency, insofar as it affects the status of third-party nationals, may be appealed before this Board.*

*It must further be noted that neither the policy enacted in 2018 nor the updated policy enacted in 2020 state that the Agency's decisions under those policies are not appealable or that this Board shall not have competence to hear and determine appeals against those decisions. Even if any subsequent policy were to say that, it is humbly posited that such a pronouncement may well run counter to law and case-law related to fundamental human rights.*

*If one were to adopt the Agency's reasoning, one could state that this Board lacks competence to decide appeals related to applications for residence permits on the basis of economic self-sufficiency, as there seems to be no piece of primary or subsidiary legislation which specifically regulates residence permits on the basis of economic self-sufficiency. The Board recognises that just as the Agency, out of necessity, developed various kinds of residence permits to deal with the variety of situations applicants encounter, then so too does this Board's competence develop in a similar manner.*

*Lastly, it is observed that a policy issued by an authority cannot possibly supersede a law enacted by parliament (the Immigration Act). Therefore, the provisions of the Immigration Act prevail.*

*Therefore, the Board rejects the argument contained in the first paragraph of the Agency's reply and declares that in fact, it does have competence to hear and determine this appeal.*

*b. The content of the second paragraph of the Agency's reply*

*With reference to the second paragraph of the Agency's reply, the Board notes that whatever the appellant's submissions contain, the purpose of the Agency's reply is for the Agency itself to provide its own version of events.*

*The appellant's own submissions are contained in fol. 18 to fol.22 of the file. The Board cannot understand, therefore, why the Agency stated that the appellant had filed no proper submissions. Even if,* gratia argomenti, *by some oversight, the Board's secretariat forgot to send the relative submissions to the Agency, the Agency's legal counsel could have always visited the Board's offices to see the file in person. This would have proved rather easy, as the Agency's lawyers attend sittings at the Board's offices at least once a week.*

*Where judicial acts are involved, it is not good practice to rely solely on e-mails and electronic means. Ideally, files must be checked physically.*

*c. The merits*

*As to the merits of the case, the Agency explained as follows:*

- *The appellant first applied for a residence permit on the basis of international/humanitarian protection on 8th February, 2013, which application was accepted and consequently, protection was granted to the appellant;*
- *That the appellant had had her protection renewed yearly;*

- *That following publication of the relative policy in 2018, the appellant applied on 20th May, 2019 for renewal of her temporary humanitarian protection (THPN) status and conversion to SRA status, which application was accepted and consequently, a document was issued to the appellant which was valid for two years;*
- *That however, in October 2020, an updated SRA policy was issued. According to the updated policy, the appellant was considered disqualified under the disqualification criteria as she had been convicted of a criminal offence in the past.*

***At this point, the Board notes that the Agency presented no informal or authenticated copy of any judgment of any court, no*** **occhio** ***of any case and no date on which any judgment of a criminal nature was allegedly issued against the appellant.***

- *That on 11th August, 2021, the appellant submitted an application for renewal of her SRA status, which application, in line with the 2020 policy, required the Malta Police Force to advise on the appellant's criminal record (fedina penali).*
- *That consequently, the appellant was considered disqualified.*

*At this juncture, the Board, supported by the reasoning of the Court of Appeal in **Fabio Vespa vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati** (decided on 12th July, 2019), carried out a search of the online eCourts database and found just one judgment bearing the appellant's name. In virtue of a judgment of the Court of Magistrates (as a Court of Criminal Judicature) handed down on 26th November, 2012 (**Il-Pulizija (Spettur Mario Haber) vs. Jamila Abdelkader**), the appellant admitted to failing to provide certain information to the Principal Immigration Officer (under Article 28 of the Immigration Act) and was condemned to one year of imprisonment suspended for two years (a suspended sentence).*

*The Agency failed to provide evidence of the conviction and is only saved as it was the appellant herself who provided a copy of the relative judgment.*

*The Board cannot help but observe that the Agency is basing its decision on a conviction handed down* **ten years ago.** *It must be noted that the appellant presented a conduct certificate issued on 10th August, 2021 which indicated that the appellant was a person of good conduct.*

*The Agency admits that for several years, between the appellant's first application in 2013 and her most recent application in August 2021, she had enjoyed THPN status and subsequently SRA status. It was only after the 2020 policy came into force that her application for renewal of SRA status was rejected. The Board finds*

*it utterly ridiculous that it is on the basis of a ten-year old conviction which resulted in a mere suspended sentence that the appellant is being denied **renewal** of her SRA status. The Board is expected to believe that it is now, after several years, the competent authorities suddenly realised that the appellant was once convicted of a criminal offence and is therefore now considered an undesirable presence.*

*The Board, however, shall delve further into the disqualification criteria in the 2020 policy.*

*The section of the "*Policy regarding Specific Residence Authorisation – Updated policy – October 2020" *titled* "Disqualification criteria", *states:*

*"*Persons who have been found guilty of an offence and sentenced to imprisonment for twelve (12) months in Malta or abroad shall not be granted a Specific Residence Authorisation. An applicant for the status who is found guilty and sentenced to one (1) year imprisonment, even if with a suspended sentence, shall be automatically disqualified from obtaining SRA status."

*As the Agency itself provided no actual evidence of a criminal conviction, the first part of the disqualification criteria cannot be applied.*

*The second part of the disqualification criteria refers to an "*applicant for the status." *This means that in order for this second part to apply, he must have been found guilty and sentenced to imprisonment, whether effective or suspended, **when he would already have applied for SRA status** (or in this case, for renewal thereof). In this case, the appellant was allegedly convicted long before she applied for SRA status.*

*Therefore, for all the reasons stated hereinabove, the Board shall revoke the Agency's decision and shall accept the appellant's appeal.*

***3. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta, the Board revokes the Agency's decision and accepts the appellant's appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

**L-Appell**

11. L-Aġenzija appellanta ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata fit-23 ta' Mejju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar Immigrazzjoni tat-13 ta' Mejju, 2022 fl-ismijiet premessi, u minflok tikkonferma d-deċiżjoni tal-Aġenzija tal-5 ta' Novembru, 2021, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

12. L-Aġenzija appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord, u fl-ewwel aggravju tagħha tgħid li l-Bord m'għandux il-kompetenza jisma' l-appell imressaq mir-rikorrenti, l-appellata f'din l-istanza. Spjegat li skont l-artikolu 25A tal-Kap. 217, il-Bord għandu l-kompetenza jisma' u jiddeċiedi appelli jew applikazzjonijiet *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 jew tar-regolamenti magħmula taħtu, u l-każ odjern jittratta dwar *policy* li nħolqot minn Identity Malta li la hija disposizzjoni tal-Att, la hija disposizzjoni ta' regolament magħmul taħtu, u lanqas ma hija disposizzjoni ta' xi liġi oħra. Qalet ukoll li skont il-prinċipju legali *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit,* il-leġislatur ma riedx li l-Bord ikollu kompetenza oltre dik imsemmija fl-artikolu 25A (1)(ċ) tal-Kap. 217. L-appellanta għamlet riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, li stabbilew li fejn il-leġislatur speċifika b'mod skjett ċerti parametri mingħajr ma ħalla lok għal xi interpretazzjoni differenti, il-partijiet għandhom jirrispettaw dawk il-parametri.

13. Fit-tieni aggravju tagħha l-appellanta tgħid li t-terminu impost fl-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 ma ġiex rispettat, u għalhekk l-appell quddiem il-Bord sar tardivament. Għalhekk, saħqet l-appellanta, l-appell tar-rikorrenti ma kellux jitqies fil-mertu. L-appellanta spjegat li r-rikors tal-appell ġie intavolat fit-12 ta'

Novembru, 2021, jiġifieri sebat ijiem wara d-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta, li ngħatat fil-5 ta' Novembru, 2021. L-Aġenzija appellanta qalet ukoll li minkejja li tqajmet din l-eċċezzjoni quddiem il-Bord, il-Bord ma ħa l-ebda konjizzjoni tagħha. L-appellanta qalet li l-Bord huwa tenut japplika l-liġi bl-istess mod u manjiera fil-konfront ta' kull parti fil-proċeduri, bl-intendiment li l-Bord ma jistax jadotta kejl differenti bejn parti u oħra, u lanqas m'għandu d-dmir li 'jsalva' xi applikazzjoni.

14. Fit-tielet aggravju tagħha l-Aġenzija appellanta tgħid li l-Bord ma messu qatt aċċetta l-appell intavolat mill-appellata quddiemu. Qalet li sabiex tressaq appell quddiem il-Bord mid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta, l-appellata ippreżentat formola li biha infurmat lis-Segretarju tal-Bord li kien fi ħsiebha tappella, u l-imsemmija formola la hija rikors ta' appell, la fiha aggravji u lanqas ma fiha r-raġunijiet li fuqhom qiegħed jiġi bbażat l-appell mid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta. L-Aġenzija appellanta qalet li l-Bord huwa mistenni li mhux biss ikun prattiku, iżda li jassigura li kull parti jkollha l-istess opportunitajiet skont il-liġi. L-Aġenzija appellanta żiedet tgħid li minkejja li r-rappreżentanti legali tal-Aġenzija jistgħu jaraw il-*case file* meta jmorru quddiem il-Bord, dan ma jfissirx li l-Bord m'għandux jgħaddi kopja tas-sottomissjonijiet meta mitlub, sabiex l-Aġenzija appellanta tkun tista' twieġeb għall-appell magħmul kontra tagħha. Fil-każ odjern, qalet l-appellanta, hija sabet ruħha f'diffikultà u żvantaġġ evidenti peress li ma kellhiex quddiemha r-raġunijiet li fuqhom ir-rikorrenti bbażat l-appell tagħha. L-Aġenzija appellanta saħqet li ladarba hija ma ġietx notifikata bis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti, il-Bord kellu tal-anqas jinfurmaha li ġew ippreżentati sottomissjonijiet, sabiex l-Aġenzija tkun tista' tiċċekkja l-atti. L-appellanta qalet li huwa evidenti li l-formola ippreżentata mill-appellata lis-

Segretarju tal-Bord ma kellhiex titqies bħala appell validu għaliex kienet nieqsa mill-aggravji, u għalhekk l-appellanta sabet ruħha f'diffikultà sabiex twieġeb għal-lanjanzi sollevati mir-rikorrenti.

15. L-Aġenzija appellanta sostniet li l-Bord għamel applikazzjoni ħażina tal-*Policy* maħruġa mill-Gvern ta' Malta fl-2020, u qalet li f'dan ir-rigward il-Bord għamel żewġ żbalji. Fl-ewwel lok, il-Bord qies li huwa redikolu li s-sentenza mogħtija diversi snin ilu fil-konfront tar-rikorrenti għandha ġġib l-iskwalifika tagħha, u qal li ma jemminx li l-Aġenzija saret taf issa b'din is-sentenza. Qalet ukoll li l-Bord qies illi l-appellata ma kinitx tissodisfa t-termini ta' skwalifika ta' din il-*Policy.* L-Aġenzija appellanta spjegat li l-*Policy* saret u ġiet imfassla mill-Gvern ta' Malta, u hija għandha l-mansjoni biss li tapplikaha. Qalet ukoll li hija m'għandhiex il-mansjoni li tiddeċiedi x'għandu jkun inkluż fil-*policies.* L-Aġenzija appellanta qalet li l-Bord m'għandux il-funzjoni li jikkrea, jirregola jew iġebbed il-*policies* li jinħarġu mill-Gvern ta' Malta, u għalhekk hija ma tistax taqbel ma' dak li ngħad fid-deċiżjoni tal-Bord, jiġifieri li tagħmel xi differenza jekk il-kondotta tal-applikant hijiex nadifa jew le, u li huwa 'redikolu' li l-applikanta tiġi mċaħħda mit-tiġdid tal-permess tagħha minħabba sentenza li ngħatat aktar minn għaxar snin ilu. Qalet li dan imur kontra l-kliem tal-*Policy,* li fl-ewwel lok tippermetti li l-Aġenzija titlob lill-Pulizija għal kopja tal-Fedina Penali, u mhux tistrieħ fuq il-kondotta tal-applikant, u fit-tieni lok ma tispeċifikax it-terminu ta' żmien fejn sentenzi m'għandhomx jibqgħu jgħoddu bħala strument ta' skwalifika. L-Aġenzija appellanta qalet li m'hemm xejn redikolu li l-Gvern ta' Malta jikkrea u jħaddan *policies* sabiex jirregola l-pożizzjoni ta' *failed asylum seekers,* u l-Bord m'għandux jesprimi ruħhu dwar kif għandha tiġi applikata l-*Policy* jew kif għandha titħaddem. Qalet ukoll li meta daħlet fis-seħħ il-*Policy* l-

ġdida fl-2020, hija ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tiskwalifika lill-appellata abbażi ta' din is-sentenza ta' priġunerija, u l-Aġenzija dejjem imxiet skont il-*Policies* viġenti skont iż-żmien meta saru l-applikazzjonijiet rispettivi.

16. B'riferiment għat-tieni konsiderazzjoni, jiġifieri fejn il-Bord qies li r-rikorrenti ma kinitx tissodisfa t-termini ta' skwalifika ta' din il-*Policy,* l-Aġenzija appellanta qalet li l-interpretazzjoni tal-*Policy* li saret mill-Bord hija skorretta. Qalet li d-*disqualification criteria* tal-*Policy* tal-2020 tipprovdi li,

> *"[p]ersons who have been found guilty of an offence and sentenced to imprisonment for twelve (12) months in Malta or abroad shall not be granted a Specific Residence Authorisation. An applicant for the status who is found guilty and sentenced to one year imprisonment, even if with a suspended sentence, shall be automatically disqualified from obtaining SRA status. The Police Authorities shall be consulted to advise on the Fedina Penali of each applicant before an SRA status is granted."*

L-Aġenzija appellanta qalet li l-Bord qasam din l-iskwalifika fi tnejn, meta huwa evidenti li t-tieni linja f'dan il-paragrafu qegħda biss tispjega f'aktar dettall dak miktub fl-ewwel linja. L-Aġenzija appellanta qalet li l-Bord kien skorrett meta kkonsidra li sabiex tapplika t-tieni linja tal-paragrafu ċċitat, il-persuna ma tridx tkun applikat għall-*SRA status.* Żiedet tgħid li huwa żbaljat li wieħed jinterpreta dan il-paragrafu tal-*Policy* bħala li s-sentenza ta' sena priġunerija għandha tiskwalifika lill-applikant meta dan ikun diġà intavola l-applikazzjoni tiegħu. Qalet li kieku din hija l-interpretazzjoni l-korretta li għandha tingħata, il-*Policy* tkun qegħda tiġi interpretata b'mod dejjaq, u s-sentenza in kwistjoni trid tkun ingħatat f'dak il-perijodu verament qasir bejn l-intavolar tal-applikazzjoni u d-data tal-ħruġ tal-permess. L-Aġenzija appellanta qalet ukoll li l-Bord m'għandux ikollu l-funzjoni li jinterpreta l-*Policy* b'mod tant dejjaq sabiex isalva l-

applikazzjoni tar-rikorrenti. Qalet li l-Bord għandu jara li l-*Policy* qegħda tiġi applikata b'mod kostanti bla diskriminazzjoni, iżda mhux li jiżviluppa prinċipji ġodda fil-*policies* tal-awtoritajiet. L-Aġenzija appellanta żiedet tgħid li bħala prassi, hija ma tippreżentax kopja tal-fedina penali tal-applikant b'mod leġġer bħala evidenza fi proċeduri ta' natura ċivili, li bħala regola huma aċċessibbli għall-pubbliku. Qalet li kieku l-Bord kellu xi dubju dwar il-veraċità tal-kontenut tal-fedina penali kif deskritt minnha, dan seta' jirregola l-proċedura tiegħu stess u seta' jitlob li tali prova tiġi ppreżentata in atti. L-Aġenzija appellanta qalet li hija kienet għamlet suġġeriment fir-risposta tagħha li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jixhed dwar il-kontenut tal-Fedina Penali, iżda l-Bord għażel li ma jismax din ix-xhieda. L-Aġenzija appellanta kompliet tgħid li hija dejjem kienet lesta li taderixxi ma' kull ordni tal-Bord, u qalet li għadha disposta li tagħmel dan anki f'dan l-istadju, u l-Bord ma kellux jibqgħalu dubju dwar l-eżistenza tas-sentenza kriminali li ngħatat fil-konfront tal-appellata, ladarba kienet l-appellata stess li ppreżentatha quddiem il-Bord.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. Fir-risposta tagħha l-appellata ressqet diversi eċċezzjonijiet preliminari, billi fl-ewwel lok qalet li l-Aġenzija Identity Malta m'għandhiex il-*locus standi* rikjest sabiex tinterponi dan l-appell, in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellata għamlet riferiment għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Salem Almarghani Aboubakr Alzarouq *vs.* Identity Malta (579/2019 FDP)**, fejn ingħad li deċiżjonijiet dwar permess ta' residenza jittieħdu mid-Direttur tal-*Expatriate Affairs.* L-appellata qalet li għalhekk ir-rikors tal-appell huwa irritu u null.

18. L-appellata tikkontendi wkoll li l-artikolu 27(2) tal-Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li r-rappreżentanza legali u ġuridika ta' aġenzija tkun vestita fl-Uffiċjal Eżekuttiv ewlieni tagħha jew f'dak l-uffiċjal tal-aġenzija li l-Ministru responsabbli għaliha jista' minn żmien għal żmien jaħtar b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, u għalhekk ir-rikors tal-appell kellu jkun intavolat mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Aġenzija appellanta bħala r-rappreżentant legali tagħha u mhux mill-Avukat tal-Istat, li m'għandux ir-rappreżentanza legali tal-Aġenzija.

19. L-appellata qalet ukoll li l-persuni msemmija fit-Taqsima III tal-artikolu 4A, tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, huma ċ-ċittadini ta' Stat Membru jew id-dipendenti tagħhom, li jidħlu, jibqgħu joqogħdu u jirrisjedu fi, u jitilqu minn Malta; persuni msemmija fil-paragrafu preċedenti li jfittxu impjieg u jaħdmu f'Malta u li jistabbilixxu u/jew jipprovdu jew jirċievu servizzi f'Malta; jew kull persuna u d-dipendenti tagħha li, għalkemm ma tkunx persuna imsemmija fil-paragrafu preċedenti tkun leġittimament qegħda fit-territorju ta' xi Stat li jkun marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera, u hawn hija taqbel mal-interpretazzjoni tal-Aġenzija appellanta li qegħda tirrikonoxxi l-benefiċjarji tal-i*Specific Residence Authorisation* bħala li qegħdin leġittimament fit-territorju ta' Malta.

20. L-appellata sostniet ukoll li l-appell in kwistjoni sar b'mod frivolu u abbużiv stante li jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-appellata qalet ukoll li l-pretensjonijiet tal-Aġenzija appellanta huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u qalet li d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord fit-13 ta' Mejju, 2022 hija ġusta u timmerita konferma.

21. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-Aġenzija appellanta, l-appellata qalet li dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa għaliex hija applikat għat-tiġdid tal-*SRA status,* li huwa forma ta' residenza li jaqa' taħt l-artikolu 7 tal-Kap. 217, u għalhekk appelli minn deċiżjonijiet bħal dawk jistgħu jsiru quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Qalet ukoll li l-liġi tipprovdi għad-dritt ta' appell minn deċiżjonijiet bħal dawn permezz tas-sub-artikolu 5 tal-artikolu 25A tal-Kap. 217. L-appellata qalet li l-*Policy* tal-SRA inħarġet mill-Aġenzija, u dan il-poter huwa mħares mill-Kap. 595, b'tali mod li jista' jingħad li l-Aġenzija kienet qiegħda taġixxi f'isem il-Ministru meta ħarġet il-*Policy* tal-SRA. Qalet li dan huwa kkonfermat mil-linji gwida li jirrigwardaw ir-riforma tat-*Temporary Humanitarian Protection New (THPN)* sabiex jintroduċu l-*Policy* tal-SRA, kif ukoll l-istqarrija għall-istampa maħruġa mill-Ministeru stess fis-16 ta' Novembru, 2018, u b'hekk l-Aġenzija appellanta ma tistax tindaga jekk din il-*Policy* taqax taħt il-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellata qalet li peress li l-*Policy* tal-SRA tirrigwarda permess ta' residenza, dan għandu jinftiehem bħala 'residenza' taħt l-imsemmi Kap. 217, li jagħti dritt ta' appell lil kull min iħossu aggravat b'xi deċiżjoni f'dan ir-rigward. L-appellata qalet li permessi ta' residenzi oħrajn li mhumiex esklussivament imniżżlin taħt dan l-artikolu jaqgħu wkoll taħt il-kompetenza tal-Bord u anki l-Aġenzija appellanta aċċettat il-kompetenza tal-Bord fir-rigward ta' appelli minn deċiżjonijiet ta' rifjut ta' permessi ta' residenza ta' ġenituri minn pajjiżi terzi ta' tfal mill-Unjoni Ewropea, fost l-oħrajn. L-appellata qalet ukolll li l-Bord in kwistjoni huwa mniżżel fil-Lista ta' Tribunali Amministrattivi li għandhom jimxu skont il-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba, u għalhekk il-Bord huwa marbut li josserva d-dritt ta' smigħ xieraq tul il-proċeduri quddiemu. L-appellata qalet li huwa prinċipju ta' ġustizzja

amministrattiva li kull deċiżjoni meħuda minn awtorità amministrattiva tkun suġġetta għad-dritt ta' smigħ xieraq fis-sens tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u f'każ li din il-Qorti ma tasalx għall-konklużjoni li l-SRA taqa' taħt l-imsemmi artikolu 7 tal-Kap. 217, l-appellati xorta waħda għandhom dritt ta' appell taħt il-prinċipju tal-*audi alteram partem.*

22. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-Aġenzija appellanta, l-appellata qalet li d-data li fiha ngħatat id-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta, jiġifieri l-5 ta' Novembru, 2021 mhijiex id-data tan-notifika, u kif muri mill-evidenza ppreżentata, hija ġiet innotifikata b'din id-deċiżjoni fl-10 ta' Novembru, 2021, filwaqt li l-appell tagħha quddiem il-Bord ġie intavolat fit-12 ta' Novembru, 2021, li jfisser li hija intavolat l-appell tagħha fit-terminu ta' tliet ijiem prevvisti fl-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellata qalet li t-terminu previst fl-artikolu 7(4) tal-Kap. 217 huwa ta' għaxart ijiem minn meta wieħed jiġi infurmat bir-revoka tal-permess ta' residenza, u għalhekk jirriżulta li hija aġixxiet fit-terminu previst mil-liġi.

23. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-Aġenzija appellanta, l-appellata qalet li hija prassi magħrufa tal-Bord li minħabba fit-terminu qasir sabiex persuna tintavola appell, dan isir permezz ta' formula *standard* fejn jiddaħħlu d-dettalji tal-applikanti u tiġi ppreżentata d-deċiżjoni appellata, filwaqt li sussegwentement jingħata terminu ta' ħmistax-il ġurnata għall-preżentata tas-sottomissjonijiet u tal-evidenza. L-appellata qalet li din il-proċedura ma tiġix applikata biss fil-każ ta' appelli dwar permessi ta' residenza, iżda anki fir-rigward ta' appelli minn deċiżjonijiet dwar *age assessments,* appelli dwar ordnijiet ta'

detenzjoni u anki ordnijiet ta' tneħħija. Qalet li l-Bord jirregola l-proċedura tiegħu stess u dan mhuwiex Qorti superjuri, u għalhekk mhuwiex marbut bl-istess formalitajiet. Qalet li l-Aġenzija appellanta ngħatat kopja tas-sottomissjonijiet tal-appellata, u din kellha kull opportunità biex tippreżenta r-risposta tagħha kif għamlet, b'rispett tad-dritt għal smigħ xieraq. L-appellata qalet li hija intavolat l-appell kif rikjest mill-Bord fit-12 ta' Novembru, 2021, liema appell ġie aċċettat mir-Reġistru tal-Bord, u sussegwentement fis-26 ta' Novembru, 2021, ġew sottomessi n-nota u d-dokumenti annessi. L-appellata qalet li hija ma ġietx notifikata bir-risposta tal-Aġenzija appellanta u kisbet aċċess għaliha biss wara li r-rappreżentanti legali tagħha talbu li jaraw il-*case file* fir-Reġistru tal-Bord.

24. Fir-risposta tagħha l-appellata għamlet riferiment ukoll għar-raba' aggravju tal-Aġenzija appellanta, u qalet li l-appell preżenti sar *ai termini* tal-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, li jagħti dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-Bord fuq punti ta' liġi biss. L-appellata qalet li dan l-aggravju bl-ebda mod ma jolqot

xi kwistjoni ta' punt ta' liġi, u s-sottomissjonijiet tal-Aġenzija appellanta huma msejsa li huma fuq punti ta' fatt, b'tali mod li din qegħda tistieden lil din il-Qorti tagħmel evalwazzjoni tal-fatti mill-ġdid. L-appellata għamlet riferiment għall-artikolu 3(3) tal-Kap. 77 tal-Liġijiet ta' Malta, u qalet li ma jirriżultax li l-Aġenzija appellanta kisbet il-kunsens tagħha sabiex tikseb ir-reġistrazzjoni tal-kundanni kriminali tal-appellata. L-appellata qalet li l-artikolu 6 tal-istess Kap. 77 jirregola t-tul tal-kundanna li tingħata sabiex din ma tiġix irreġistrata fir-Reġistru tal-kundanni kriminali. Qalet li l-fatt li t-terminu tal-kundanna tagħha ma baqax reġistrat fir-Reġistru, is-sentenza ta' żmien mogħtija m'għandhiex tiskwalifikaha

mill-permess ta' residenza meta l-SRA ingħata ferm wara l-kundanna tal-appellata. L-appellata żiedet tgħid li ma ġiet esebita l-ebda evidenza ulterjuri da parti tal-Aġenzija appellanta li l-appellata nstabet ħatja u kkundannata għal terminu ta' priġunerija ta' tnax-il xahar, u għalhekk dan l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju. L-appellata qalet ukoll li l-kriterji ta' skwalifika għall-kisba tal-SRA li nħarġu bil-*policy* tal-2020 ma jistgħux jiġu applikati b'mod retroattiv, għaliex dan ikun imur kontra kull prinċipju ta' dritt amministrattiv partikolarment dak taċ-ċertezza legali, tal-aspettattiva leġittima u jikkostitwixxi preġudizzju inġust għaliha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

25. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet tal-appellata. Il-Qorti sejra tindirizza fl-ewwel lok l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-appellata fir-risposta tal-appell tagħha. L-appellata teċċepixxi li l-appell odjern huwa irritu u null *ai termini* tal-artikolu 789(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-Aġenzija appellanta m'għandhiex il-*locus standi* sabiex tinterponi appell bħal dan, ladarba d-deċiżjoni in kwistjoni ttieħdet mid-Direttur tad-Dipartiment tal-*Expatriate Affairs.* Din il-Qorti tirrileva li hija l-proċedura stabbilita quddiem il-Qrati tagħna, li kull meta jsir appell, l-okkju jibqa' identiku għall-okkju li l-proċeduri jkunu nbdew bih. Il-proċeduri odjerni nbdew mill-appellata permezz tar-rikors tagħha quddiem il-Bord (referenza IAB/SRA/3/2022), u l-proċeduri quddiem il-Bord saru fl-istess ismijiet li qiegħed isir l-appell odjern. Għaldaqstant, irrispettivament minn min kien l-uffiċjal li ħa d-deċiżjoni li sar l-

appell minnha mill-appellata, l-okkju tar-rikors tal-appell għandu jiġi meqjus li huwa korrett, u għalhekk l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tal-appellata għandha tiġi miċħuda.

26. Fit-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha, l-appellata tgħid li r-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Aġenzija appellanta hija vestita fl-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tagħha, u għalhekk ir-rikors tal-appell tagħha kellu jiġi intavolat mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Aġenzija appellanta bħala r-rappreżentant legali tagħha, u mhux mill-Avukat tal-Istat. Hawnhekk din il-Qorti tirrileva li l-appell odjern ġie redatt u ppreżentat minn avukat fl-uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, kif dejjem jiġri f'każijiet simili, u b'daqshekk ma jistax jingħad li dan l-avukat mill-uffiċċju tal-Avukat tal-Istat qiegħed jassumi r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Aġenzija appellanta, u lanqas li l-appell fih xi difett fil-forma, u għalhekk tqis li din l-eċċezzjoni mhijiex ġustifikata, u tiċħadha.

27. L-appellata f'para. 3 tar-risposta tagħha, tgħid li hija taqbel mas-sottomissjoni li għamlet l-Aġenzija appellanta li l-benefiċjarji tal-i*Specific Residence Authorisation* huma persuni li qegħdin leġittimament fit-territorju ta' Malta. Il-Qorti tosserva li persuni li ngħataw dan l-i*status* huma persuni li waslu f'Malta b'mod irregolari, u li għal xi raġuni jew oħra ma ngħatawx ażil f'pajjiżna. L-appellata kienet ingħatat Protezzjoni Umanitarja Temporanja (THPN) ftit xhur wara li waslet f'Malta, u sussegwentement, meta ġiet approvata l-*Policy* li introduċiet il-kunċett tal-SRA, l-i*status* tal-appellata awtomatikament ġie aġġornat sabiex din ingħatat l-i*status* tal-SRA. Għaldaqstant l-appellata kienet għal dawn is-snin kollha koperta b'permess ta' residenza li jirrikonoxxi l-i*status* tagħha bħala persuna residenti f'dawn il-gżejjer, li jagħtiha ċerti drittijiet.

28. L-appellata ssostni l-appell tal-Aġenzija huwa wieħed frivolu u abbużiv stante li huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tagħha, kif protetti taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u taħt l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti tirrileva hawnhekk li minkejja li din il-Qorti mhijiex il-forum kompetenti fejn jitqajmu lanjanzi dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-individwu, madanakollu l-Qorti fid-deċiżjoni li trid tieħu dwar jekk il-pożizzjoni tal-Aġenzija appellanta tirrispettax il-prinċipji ewlenin li jsawru d-dritt amministrattiv, u ċjoé il-prinċipju taċ-ċertezza legali, ir-raġonevolezza u l-ħarsien tal-aspettattivi leġittimi tal-individwu, ċertament li ser iżżomm quddiem għajnejha jekk f'dan il-każ hemmx il-potenzjal li jinkisru l-jeddijiet fundamentali tal-appellata, partikolarment meta ċ-ċaħda tat-tiġdid tal-permess ta' residenza tagħha, awtomatikament ser ifisser ukoll iċ-ċaħda tat-tiġdid tal-permess ta' binha minuri.

29. Qabel tgħaddi biex tindirizza l-aggravji mressqa mill-Aġenzija appellanta, din il-Qorti tisħaq li f'każ bħal dan hemm fin-nofs l-aktar aspetti fundamentali tal-għajxien ta' persuni vulnerabbli. L-appellata, persuna mill-Etjopja, ġiet infurmata, numru ta' snin wara li ngħatat permess tgħix u tirrisjedi f'Malta b'mod leġittimu, li hija ma kinitx qegħda tingħata permess tkompli tgħix hawnhekk għaliex ma kinitx għadha tikkwalifika għal dan il-permess wara tibdil fil-*policy* applikabbli. Fis-snin kollha li l-appellata ilha tgħix f'Malta, aktar minn għaxar snin, bdiet familja hawnhekk, għandha tifel minorenni li jiddependi fuqha, taħdem f'Malta u ppruvat tintegra hawnhekk bl-aħjar mod li setgħet. Ħajjet l-appellata llum hija bbażata hawn Malta. It-tifel minuri tagħha twieled u m'għex fl-ebda pajjiż ieħor ħlief Malta. L-appellata ilha li telqet mill-pajjiż tal-oriġini tagħha bosta snin, u fir-risposta tagħha tgħid li kieku kellha tirritorna lura

lejn pajjiżha, ħajjietha ma tkun faċli xejn. Il-Qorti tqis li l-appellata ħalliet il-pajjiż tal-oriġini tagħha u fittxet futur aħjar f'pajjiż imbiegħed u li dwaru kienet taf ftit li xejn, għaliex is-sitwazzjoni f'pajjiżha kienet waħda kritika. Stabbilit dan kollu, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta.

*L-ewwel aggravju:* *[dwar il-kompetenza tal-Bord]*

30. L-Aġenzija appellanta tikkontendi li l-Bord m'għandux kompetenza jisma' dan l-appell, li jittratta *policy* mfassla mill-Gvern ta' Malta, u dan għaliex il-ġurisdizzjoni tal-Bord testendi biss għal appelli u applikazzjonijiet li jsiru biss *ai termini* tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' regolamenti magħmula taħtu jew bis-saħħa ta' kull liġi oħra. Tgħid li ladarba l-*Policy* in kwistjoni ma tikkwalifikax bħala xi disposizzjoni tal-Att, jew ta' regolament taħtu, u lanqas m'hija disposizzjoni ta' xi liġi oħra, il-Bord ma kellux il-kompetenza jisma' l-appell imressaq quddiemhu mill-appellata.

31. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' din l-interpretazzjoni tal-appellanta. L-appellata talbet għat-tiġdid tal-*SRA status,* li huwa tip ta' permess ta' residenza, li jaqa' taħt l-artikolu 7 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-sub-inċiż 5 tal-artikolu 25A tal-Kap. 217 jagħmilha ċara li kull persuna li tħossha aggravata b'xi deċiżjoni tal-awtorità kompetenti magħmula taħt it-Taqsima III, jew bis-saħħa tal-artikolu 7, 14 jew 15 tal-Att, tista' tappella minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Bord. Tqis għalhekk li dan l-aggravju huwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[l-appell sar fuori termine]*

32. L-Aġenzija appellanta tgħid li l-appell tal-appellata quddiem il-Bord huwa *fuori termine* stante li ġie intavolat sebat ijiem wara li ngħatat id-deċiżjoni tal-Aġenzija, meta s-sub-inċiż (7) jgħid li kull appell għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien tliet ijiem mid-deċiżjoni li tkun suġġetta għall-appell.

33. Id-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta ngħatat il-Ġimgħa, 5 ta' Novembru, 2021. Deċiżjonijiet bħal dawn ma jingħatawx fil-miftuħ, iżda jiġu nnotifikati lill-applikant ikkonċernat bil-posta, u huwa raġonevoli li jingħad li l-applikant ma jkollu l-ebda ħjiel dwar id-data meta ser tittieħed id-deċiżjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tiegħu, u għalhekk, kuntrarjament għad-deċiżjonijiet li jingħataw mill-Bord per eżempju, ma jkollux mod kif isegwi d-deċiżjoni dakinhar li tingħata. L-appellata ppreżentat kopja ta' envelopp mibgħut lilha minn Identity Malta bit-timbru postali tal-10 ta' Novembru, 2021.[4] Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, tqajjem dubju mill-avukat difensur tal-Aġenzija appellanta, dwar x'kien il-konvenut ta' dan l-envelopp, u jekk hux minnu li dan kien fih id-deċiżjoni appellata. Il-Qorti tosserva li meta wieħed iqis li l-5 ta' Novembru, 2021 kien il-Ġimgħa, huwa ferm probabbli li d-deċiżjoni mibgħuta bil-posta waslet għand l-appellata għadd ta' ġranet wara. Huwa minnu li l-liġi tgħid li l-appell għandu jsir fi żmien tliet ijiem minn meta tingħata d-deċiżjoni, iżda x'jiġri f'każ li l-applikant jibqa' mhux notifikat bid-deċiżjoni fi żmien dawk it-tliet ijiem, u tali deċiżjoni tasal għandu wara li jkun għalaq it-terminu prefiss ta' tliet ijiem? Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiddubita li l-envelopp mibgħut mill-Aġenzija Identity Malta u li wasal għand l-appellata fl-10 ta' Novembru, 2021, ma kienx fih id-deċiżjoni li tifforma l-mertu tal-appell quddiem il-Bord. L-appell

[4] *Fol.* 141 tal-proċess tal-appell.

tal-appellata quddiem il-Bord ġie intavolat jumejn wara, fit-12 ta' Novembru, 2021, u għalhekk l-appellata ippreżentat l-appell tagħha quddiem il-Bord entro t-terminu ta' tliet ijiem minn meta hija saret taf bid-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tagħha. Il-Qorti tqis li l-appellata ma kinitx mgħarrfa bid-data meta l-Aġenzija appellanta kellha tieħu deċiżjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tagħha, u għalhekk ma kienx possibbli għall-appellata li tintavola l-appell tagħha qabel din id-data. Għaldaqstant tqis li t-tieni aggravju tal-Aġenzija appellanta mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[in-nullità tal-appell]*

33. L-appellanta tgħid li l-Bord qatt ma messu aċċetta l-appell kif ippreżentat quddiemu mill-appellata, għaliex l-appellata l-ewwel ippreżentat formola li biha hija infurmat lis-Segretarju tal-Bord li kien fi ħsiebha tappella, u sussegwentement għamlet is-sottomissjonijiet tagħha quddiem il-Bord, liema sottomissjonijiet ma ġewx notifikati lill-Aġenzija appellanta. L-appellanta ilmentat ukoll għaliex il-Bord naqas milli jinfurmaha li l-appellata kienet ippreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, u għalhekk hija ma kinitx taf fuq xiex l-appellata sejset l-appell tagħha.

34. Mill-provi mressqa quddiem il-Bord, jirriżulta li in vista tat-terminu qasir li fih iridu jiġu ippreżentati appelli ta' din ix-xorta, il-prassi hija li meta persuna bħall-appellata tkun trid tappella minn xi deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta, hija tagħmel dan billi timla formola standard, u sussegwentement tingħata terminu ta' ħmistax-il jum sabiex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha u kull dokumentazzjoni rilevanti. Jirriżulta wkoll li l-Aġenzija appellanta tkun

rappreżentata quddiem il-Bord minn uffiċjali tagħha li jidhru quddiem il-Bord fuq bażi regolari, u għalhekk m'hemm l-ebda problema ta' nuqqas ta' riżorsi umani biex l-Aġenzija appellanta tkun tista' tivverifika x'inhuma l-lanjanzi tal-persuni li jappellaw, u x'sottomissjonijiet ikunu għamlu. L-appellata sostniet quddiem din il-Qorti, li lanqas hi ma ġiet notifikata bis-sottomissjonijiet tal-Aġenzija appellanta, u hija ġiet infurmata bil-pożizzjoni tal-Aġenzija appellanta biss wara li l-avukat difensur tagħha għamel il-verifiki neċessarji mal-*file* tal-Bord. Il-Qorti tirrileva li jekk dan kien possibbli li jsir mill-appellata u mill-avukat difensur tagħha, bl-istess mod ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellanta milli tikseb kopja tas-sottomissjonijiet tal-appellata sabiex tifhem aħjar din fuq xiex sejset ir-rikors tal-appell tagħha. Il-fatt li l-Aġenzija appellanta baqgħet ma ġietx notifikata bis-sottomissjonijiet mill-Bord, mhux xi nuqqas li għandha twieġeb għalih l-appellata, jew li b'xi mod għandu jippreġudikaha, u għalhekk il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[l-applikazzjoni tal-*Policy*]*

35. L-Aġenzija appellanta tgħid li l-Bord applika l-*Policy* b'mod żbaljat, meta qies li sentenza ta' diversi snin ilu ma kellhiex iġġib l-iskwalifika tal-appellata għall-i*status* li applikat għalih, kif ukoll meta l-Bord ikkonsidra li bl-applikazzjoni tal-*Policy* in kwistjoni, l-appellata ma kellhiex tiġi skwalifikata. L-Aġenzija appellanta qalet li ma kinitx hi li fasslet il-*Policy,* iżda hija qegħda biss tapplikaha, u qabel it-tibdil fil-*Policy* fl-2020, hija ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tiskwalifika lill-appellata abbażi ta' sentenza ta' priġunerija li ngħatat għaxar snin ilu. L-appellanta saħqet li l-Bord ma kellux jaqsam il-*Policy* fi tnejn sabiex

qies li t-tieni linja tal-*Policy* b'xi mod għandha tiġi applikata b'mod distint u separat mill-ewwel linja, u hija kellha l-awtorizzazzjoni titlob il-Fedina Penali tal-appellata sabiex tkun tista' tiddetermina jekk din tikkwalifikax għall-i*status* li applikat għalih jew le.

36. Il-Qorti qieset fit-tul dwar dawn il-lanjanzi mqajma mill-appellanta, u filwaqt li ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-Bord li t-tieni linja tal-*Policy* għandha tapplika b'mod distint u separat mill-ewwel linja, madanakollu hemm numru ta' osservazzjonijiet li trid tagħmel. Fl-ewwel lok għandu jingħad li l-appellata kienet qegħda tapplika għal tiġdid tal-i*status* tagħha wara li fis-snin ta' qabel hija kkwalifikat għall-Protezzjoni Temporanja, u meta ddaħħal il-kunċett ta' *Specific Residence Authorisation* hija ngħatat dan l-istatus awtomatikament, billi ġie meqjus li kienet eliġibbli għalih abbażi tal-Protezzjoni Temporanja li kienet ingħatat preċedentement. Wara li ngħatat l-SRA *status* l-ewwel darba, l-appellata kellha tapplika għal tiġdid ta' dan l-i*status*, imma minkejja li fid-drabi ta' qabel ma kien hemm l-ebda problema sabiex l-applikazzjoni tagħha tiġi pproċessata u tingħata l-permess ta' residenza, l-Aġenzija appellanta applikat il-*Policy* kif aġġornata fl-2020 sabiex qieset li sentenza ta' priġunerija sospiża li kienet ingħatat fil-konfront tal-appellata madwar għaxar snin qabel, kellha tiskwalifikaha milli jkollha l-SRA *status* imġedded.

37. Din il-Qorti filwaqt li tagħmel riferiment għall-*Policy regarding Specific Residence Authorisation (Updated Policy – October 2020),* tqis li din il-*Policy* hija ntiża għal applikanti ġodda għall-SRA, u l-*Policy* kif aġġornata mhijiex maħsuba biex tapplika wkoll għal min jitlob sabiex iġedded l-SRA li kien ingħata qabel,

bħal fis-sitwazzjoni odjerna. Hekk per eżempju taħt it-Taqsima '*Definition and Content',* il-*Policy* in kwistjoni tgħid li,

> "*Persons whose application for international protection has been finally rejected by the relevant asylum determination authorities may be granted a Specific Residence Authorisation after an assessment based on the criteria and guidelines outlined below has been carried out by Identity Malta in cooperation with the immigration authorities."*

38. Imbagħad taħt is-sezzjoni '*Disqualification Criteria',* il-*Policy* tagħmel ukoll riferiment għal applikanti għal *Specific Residence Authorisation* u tgħid f'liema ċirkostanzi dan l-i*status* m'għandux jingħata. Iżda il-*Policy* imkien ma tgħid li dawn il-kriterji għandhom japplikaw ukoll għal min kien ingħata l-permess preċedentement, u japplika biex iġedded il-permess li kien ingħata. Taħt il-parti intestata '*Renewal of the SRA status',* il-*Policy* tgħid illi:

> "*For the status to be renewed, applicant should apply two months prior to the expiry date of the residence permit, provided that evidence of residence in Malta for the previous two years, and of employment for a minimum period of not less than nine (9) months per year prior to submission of application, is included with the application."*

39. Il-*Policy* imkien ma tgħid li applikazzjoni għal tiġdid trid tiġi evalwata bil-mod kif ġiet evalwata l-applikazzjoni tal-appellata. Din il-Qorti tqis li mhuwiex raġonevoli li meta l-*Policy* hija daqstant ċara dwar x'għandu jsir meta jkun hemm applikazzjoni għal tiġdid ta' permess, l-interpretazzjoni tal-Aġenzija appellanta tkun li għandhom jiġu applikati kriterji ta' skwalifika li ddaħħlu fil-*Policy* riċentement. Persuni li qegħdin f'Malta b'mod leġittimu bis-saħħa ta' permess ta' residenza li kien ingħatalhom fil-passat, wara li ġie deċiż mill-

awtoritajiet tal-pajjiż li dawn kienu jikkwalifikaw għalih, m'għandhomx jispiċċaw bil-permess tagħhom mhux imġedded abbażi tal-applikazzjoni ta' *Policy* li għandu jirriżulta li tfasslet biex tirregola applikazzjonijiet ġodda u mhux ukoll it-tiġdid ta' permessi diġà mogħtija. L-appellata għandha raġun tgħid li hija kellha l-aspettattiva leġittima li l-applikazzjoni tagħha ser tintlaqa' u tiġġedded, għaliex l-ewwel darba li hija ngħatat il-Protezzjoni Temporanja u sussegwentement applikat u ngħatat l-*SRA status*, ma kien hemm l-ebda problema għaliha u għal binha minuri biex jikkwalifikaw għal dan l-i*status.* Il-Qorti ma tistax taċċetta li persuni li ilhom jgħixu f'Malta għal għadd ta' snin, jaħdmu, qegħdin jippruvaw jintegraw, u kellhom l-i*status* tagħhom regolarizzat bl-applikazzjoni tal-kriterji applikabbli, sussegwentement jintalbu jħallu l-pajjiż għaliex l-Aġenzija appellanta ddeċidiet li *Policy* li ġiet aġġornata fl-2020 għandha tibda tapplika anki għal dawk li qegħdin jitolbu li jġeddu l-permess ta' residenza tagħhom. Għal dawn ir-raġunijiet tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-Aġenzija appellanta, filwaqt li qegħda tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, imma għar-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-Aġenzija appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**